# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.34

## ORDNI DWAR NOTIFIKA TA' SERVIZZI AWDJOVIŻIVI LI JSIRU B'TALBA

21 ta' Diċembru, 2012

*L-AVVIŻ LEGALI 469 tal-2012.*

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni dwar in-Notifika ta' Servizzi ta' Mezzi Awdjoviżivi li jsiru b'Talba. Titolu.

**2.** (1) Notifika li ssir minn persuna li tkun bi ħsiebha tipprovdi xi servizz ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba għandha ssir bil-miktub fl-għamla ta' ittra. Notifika ta' servizzi ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba.

(2) Dik in-notifika għandha tkun indirizzata liċ-*Chairman* tal-Awtorità tax-Xandir.

(3) Dik in-notifika għandu jkun fiha din l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) fil-każ ta' persuna naturali:

(i) l-isem, kunjom u indirizz;

(ii) numru tal-karta tal-identità, numru tal-passaport jew dettalji ta' kull dokument ieħor ta' identifikazzjoni hekk kif dan jista' jkun aċċettat mill-Awtorità tax-Xandir;

(*b*) fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem u l-indirizz tal-kumpannija u tal-uffiċċju reġistrat.

(4) Dik il-persuna, kemm jekk naturali jew ġuridika, għandha tipprovdi lill-Awtorità tax-Xandir:

(*a*) isem u l-kunjom tal-editur reġistrat kif hemm fl-Att dwar l-Istampa; Kap. 248.

(*b*) in-numru tat-telefon ċellulari tiegħu;

(*ċ*) in-numru tat-telefon fiss tiegħu;

(*d*) l-indirizz *e-mail* tiegħu.

**3.** Provditur ta' servizzi ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba għandu jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ix-Xandir u ma' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt l-Att li tkun tapplika għalihom u għandu partikolarment jiżgura li jkunu qegħdin iseħħu miżuri adegwati biex il-minuri ma jkollhomx aċċess għal kontenut li jista' serjament jippreġudika l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom. Konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ix-Xandir. Kap. 350.

**4.** Provditur ta' servizzi ta' mezzi awdjoviżivi li jsiru b'talba għandu jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u programmar li jkun kulturalment differenti. Għandu jkun hemm disponibbli minimu ta' 10% ta' xogħlijiet Ewropej fl-ewwel sentejn tal-operat tas-servizz provdut li jitla' għal 15% fit-tielet sena. Inkoraġġiment ta' xogħlijiet Ewropej.